# IL-MOSTA BEJN IŻ-ŻEWĠ GWERER

P. Schembri B.A.(Hons), P.G.C.E., M.A.

Bejn iż-żewġ gwerer dinjin il-Mosta kienet għadha ddominata minn ambjent rurali. Tista' tgħid li l-ħajja soċjali fil-Mosta kellha t-tagħlim Nisrani bħala ċ-ċentru tagħha. Kien fil-pjazza prinċipali tal-Mosta, qrib il-Knisja, fit-triq, fil-ħwienet u xi kultant anke fuq iż-zuntier tal-Knisja wara xi funzjoni reliġjuża fejn kienu jiltaqgħu l-parruċċani tal-Mosta, kemm l-irġiel kif ukoll in-nisa sabiex jiddiskutu fuq suġġetti varji fosthom ir-raba', fuq xi ġrajja tal-mument, xi festa li tkun ġejja, min ser jerfa' fil-purċissjoni li jmiss, affarijiet li jolqtu l-familja, min ser jiżżewweġ u min kien ser jkollu tarbija. Hawn kienu jqattgħu ħinijet twal. Il-ħajja kienet sempliċi. L-Ingliżi kienu jarawna bħala bażi strateġika fiċ-ċentru tal-Mediterran u għaldaqstant ma tantx kienu jinvestu fil-gżejjer Maltin fejn kienet tidħol l-industrija, allura tista' tgħid li fil-Mosta ma kien hawn l-ebda industrija.

Xi ħaġa li dejjem baqgħet f'qalb il-Mostin żgur kienet il-Knisja tar-Rotunda. Żgur li din dejjem baqgħet iċ-ċentru tar-raħal f'dawn iż-żminijiet, kemm fiżikament kif ukoll fil-qalb. Fiż-żmien ta' bejn il-gwerer, il-Mostin komplew jaħdmu biex ikomplu jsebbħu l-Knisja tar-Rotunda li hija tant għal qalbhom. F'dan il-perjodu kompla t-tisbiħ tad-dekorazzjoni skulturali u anke dik tal-koppla.

Dak kollu li kien soċjali u edukattiv, ngħidu aħna fejn kienu jiltaqgħu n-nies, iż-żgħażagħ u t-tfal tar-raħal kien kollu marbut mal-Knisja. It-tfal kienu minn ta' quddiem li jiddelettaw b' xi purċissjoni tal-Milied u tal-Ġimgħa l-Kbira. Il-mod ta' kif kienu jilagħbu t-tfal kien ta' ġiri fl-għelieqi, logħob ta' bejn it-tfal fit-triq ngħidu aħna l-mistoħbija, il-passju, il-ħarba u l-ġiri fil-miftuħ u l-bini ta' karrijiet tal-logħob, u l-kampijiet fl-għelieqi. Iżda filwaqt li l-logħob kien limitat ħafna, ta' min isemmi li fil-Mosta kien hawn ċinema. Kont anke ssib xi ftit ħwienet iżda ħafna drabi n-nies kienu jixtru l-bżonnijiet tiegħu mingħand tal-karrettun.



*Purċissjoni ta' l-Ewwel Tqarbina ġewwa l-Mosta bejn il-gwerer*

Bejn iż-żewġ gwerer kienu nfetħu wkoll iż-żewġ oratorji, dak tas-subien kif ukoll dak tal-bniet, li t-tnejn li huma servew ta' post fejn intlaqgħu ir-refuġjati fit-Tieni Gwerra Dinjija. F'dan il-perjodu bdew ukoll għaqdiet reliġjużi oħrajn bħall-Azzjoni Kattolika u x-Xirka ta' l-Isem Imqaddes t'Alla. Kienu jeżistu wkoll il-każini tal-banda mimlija attivitajiet, li kważi lanqas hemm għalfejn insemmu, kienu ispirati mit-tagħlim tal-Knisja.

Mill-qasam politiku fl-1926 infetaħ il-każin Kostituzzjonali. Għaqdiet oħra li bdew il-Mosta bejn il-gwerer kienu dawk ta' l-Iscouts u s-St John Ambulance Brigade. Fl-1935 fetaħ ukoll uffiċjalment il-każin tal-futbol u l-Mosta bdew anke jipparteċipaw uffiċjalment fil-kompetizzjonijiet ta' l-M.F.A.

L-ewwel dawl elettriku ġewwa l-Mosta daħal fl-1925. Bħala topografija (il-formazzjoni ġeografika ta' l-art fil-Mosta), mhux li kien sar ħafna tibdil. Biss kif semmejt qabel kien jiddomina x-xenarju rurali u dak kollu li jġib miegħu fosthom il-mogħoż. Bħala xogħlijiet ukoll nistgħu ngħidu li kienu dawk pre-industrijali, fosthom il-bidwi, il-landier u l-mastrudaxxa. Snajja' oħra wkoll kont issib il-Mosta. It-toroq kienu għadhom mingħajr tarmak u kienu magħmula mit-trab b'konsegwenza li kienet teżisti l-marda tat-trakomja li kienet bħal infezzjoni fl-għajnejn li tiġi minn dan it-trab.

Fost attivitajiet oħra kien popolari ħafna l-monti fejn tista' tgħid li wieħed hawn seta' jsib jixtri minn

kollox, fosthom ħxejjex, frott, bajd, annimali, skieken u anke oġġetti tal-metal. Filwaqt li l-irġiel kienu għadhom jilbsu l-brieret, in-nisa kienu għadhom jilbsu l-għonnella.

Lejn l-aħħar tat-tletinijiet meta bdiet it-Tieni Gwerra Dinjija, kienu ħafna dawk ir-refuġjati li ġew min-naħat tal-Kottonera, il-Belt Valletta u d-dawra tal-Port il-Kbir u dak ta' Marsamxett li ħafna minn dawn baqgħu jgħixu l-Mosta saħansitra anke wara l-gwerra. Għalhekk il-popolazzjoni l-Mosta baqgħet dejjem tikber. Peress li l-Mosta inzertat fil-viċinanzi ta' Ta' Qali u li f' dak iż-żmien hawn kien ajruport militari ta' l-Ingliżi u anke minħabba l-fatt li fil-periferija tal-Mosta kienet tinsab fortizza bl-armamenti, allura ma setax jonqos il-fatt li l-Mosta ntlaqtet mill-attakki ta' l-għadu u anke mietu xi vittmi li dawn baqgħu mfakkra u għal dejjem f'qalb il-Mostin permezz ta' monument iddedikat għalihom. Tibqa' żgur mfakkra l-ġrajja tal-bomba li waqgħet fuq il-Knisja tal-Mosta nhar id-9 t'April 1942 u ma splodietx. Il-Mostin jemmnu li dan kien miraklu ta' Santa Marija il-patruna tal-Knisja tal-Mosta. Kopja tal-bomba għadha tinżamm bħala tifkira fis-sagristija tal-Knisja tal-Mosta. Xi ħaġa li żgur tibqa' għal dejjem marbuta mal-Mostin hija d-dedikazzjoni lejn Santa Marija.



*Purċissjoni ta' Santa Marija ġewwa l-Mosta bejn il-gwerer*

infinity
Boutique
95, EUCHARISTIC CONGRESS ROAD, MOSTA.
Tel: 21421701
• SHOES
• CLOTHES
• ACCESSORIES

ROLL-IN
PASTIZZERIA
PASTIZZI, PIZZA, QASSATAT, MEAT PIES, TIMPANA
138, Eucharistic Congress Road, Mosta
Tel: 2143 2536
St. Helen Square, B'Kara
Tel: 2148 5398
Naxxar Road, B'Kara